Il-fond cioè bungalow mingħajr numru, magħruf bħala 'Il-Masġar', f'Delimara Road, Delimara limiti ta' Marsaxlokk, flimkien ma' l-artijiet ta' madwarha, lkoll flimkien fihom kejl ta' ċirka għaxart elef seba' mija sitta u sebgħin metru kwadru (10,776m.k) stmat li tiswa Lm210,000.00 (€489,168.41).

In the First Hall of the Civil Court

In the records of Judicial Sale by Auction
No. 155/04 in the names:

HSBC Bank Malta plc
Vs
Alfred Baldacchino

Honourable Dr Farrugia Sacco

The Court,

Following the Adjudication of Tuesday, 28th June 2005, in favour of HSBC Bank Malta plc as regarding the hereunder mentioned properties for the price of Lm53,000.00 (€123,456.79) 'Animo Compensandi' which property belongs to Alfred Baldacchino mentioned in the same Judicial acts, namely:

The unnumbered bungalow known as "il-Masġar", in Delimara Road, Delimara limits of Marsaxlokk, together with the surrounding adjoining lands, together measuring superficially ten thousand seven hundred and seventy six square metres (10,776sq.mt.), valued at Lm210,000 (€489,168.41).

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi Michael Axisa għan-nom u in rappreżentanza ta' Lay Lay Company Limited kiser il-kwindena u offra Lm55,000.00 (€128,115.54) għall-fond hawn fuq imsemmi.

Tiddekreta u tagħżel għall-bejgħ b'Irkant u l-aħħar liberazzjoni tal-fond hawn fuq imsemmi l-jum tat-Tlieta, 29 ta' Mejju, 2007 mid-9.00 a.m sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati;

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, id-debituri eżekutati, il-liberatarju u dak li offra l-aħħar.

Illum, 9 ta' Mejju, 2007

CLAIRE SEVASTA, BA (HONS)
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Whereas Michael Axisa on behalf of Lay Lay Company Limited interrupted the statutory time limit by entering a bid of Lm55,000.00 (€128,115.54) for the mentioned property.

The Court therefore decrees and appoints the day of Tuesday, 29th May, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon in the Corridors of these Law Courts for the Final Sale by Auction;

The Court hereby orders that a copy of the decree be served on the execution creditor, execution debtor, the purchasers and the last bidders.

Today, the 9th day of May, 2007.

CLAIRE SEVASTA, BA (HONS)
For the Registrar of Courts and Civil Tribunals

720

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) permezz ta' digriet mogħti fl-atti tar-Rikors Numru 1078/04 JR, fl-ismijiet Dentrade Company Limited C-9139 vs Jason u Stefania konjugi Briffa, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Jason Briffa, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) atti Rikors Numru 1078/04 JR, fl-ismijiet Dentrade Company Limited C -9139 vs Jason u Stefania konjugi Briffa, ir-rikorrenti soċjetà Dentrade Company Limited C-9139, esponiet bir-rispett:

1. Illi permezz ta' talba ppreżentata fit-Tribunal tat-Talbiet Żgħar, fl-20 ta' Mejju 2004, is-soċjetà attriċi, illum appellanti, talbet il-ħlas ta' elf u wieħed u sittin lira Maltija u ħamsa u disgħin ċenteżmu Lm1,061.95 (€2,473.68) mingħand il-konvenuti konjugi Briffa, rappreżentanti bilanċ ta' merċi mibjugħa u kkonsenjati lilhom mis-soċjetà attriċi. Bl-ispejjeż u bl-interessi kontra l-konvenuti mid-data meta l-ammont pretiż f' din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

2. Illi għalkemm debitament notifikat il-konvenut Jason Briffa baqa' kontumaċi.

3. Illi l-konvenuta Stefania Briffa ppreżentat risposta fejn intqal ...Omissis...

4. Illi permezz ta' sentenza mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2006, it-Tribunal għal Talbiet Żgħar iddeċieda billi laqa' t-talba attriċi biss fil-konfront tal-konvenut Jason Briffa u

It is hereby notified that the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) by means of a decree given in the records of the Application Number 1078/04 JR, in the names Dentrade Company Limited C-9139 vs Jason and Stefania spouses Briffa, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant Jason Briffa, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application, filed, in the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) records Application number 1078/04 JR, in the names Dentrade Company Limited C -9139 vs Jason and Stefania spouses Briffa, the applicant company Dentrade Company Limited C -9139, pleaded with respect:

1. That by means of an application filed in the Small Claims Tribunal, on the 20th May 2004, the plaintiff company, today appellant, demanded the payment of one thousand and sixty one Maltese Liri and ninety five cents Lm1,061.95 (€2,473.68) from the defendants spouses Briffa, representing the balance of merchandise sold and delivered to them by the plaintiff company. With costs and interests against the defendants from the date when the amount claimed in this application was due till the date of effective payment.

2. That although duly notified the defendant Jason Briffa remained in default.

3. That the defendant Stefania Briffa filed a reply whereby it was stated ...Omissis...

4. That by means of a judgement delivered on the 28th June 2006, the Small Claims Tribunal decided by upholding the plaintiff's demand only against the defendant Jason Briffa

kkundannatu jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u wieħed u sittin Lira Maltija u ħamsa u disgħin ċenteżmu Lm1,061.95 (€2,473.68) bl-imgħaxijiet legali mit-2 ta' Ġunju 2003, sad-data tal-pagament effettiv. Dwar l-ispejjeż, dawn għandhom jiġu sopportati ugwalment bejn il-konvenuti.

5. Illi s-soċjetà appellanti ħasset ruħha aggravata mill-imsemmnija sentenza u għaldaqstant qiegħda tinterponi minnha dan l-umli Appell tagħha.

6. Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi t-talba tas-soċjetà attriċi ġiet milqugħa biss fil-konfront tal-konvenut Jason Briffa.

7. Illi s-soċjetà appellanti umilment tinsisti illi l-ammont riklamat minnha huwa dovut mill-konvenuti 'in solidum'. Din l-insistenza hija bbażata fuq is-segwenti:

a) Minkejja dak allegat mill-konvenuta Stefania Briffa illi r-reġim patrimonjali ta' bejnha u żewġha kien dak tas-separazzjoni tal-beni, hija naqset milli tipproduċi kwalunkwe prova dokumentali, ...Omissis...

Huwa prinċipju risaput, illi min jallega jrid jipprova. Għaldaqstant kien kompitu ta' l-istess Stefania Briffa illi tipprova dak allegat minnha fir-risposta tagħha u cioè illi r-reġim matrimonjali bejn il-konvenuti, fil-perjodu li fih ġie kkuntrattat id-debitu fil-konfront tas-soċjetà appellanti kien dak tas-separazzzjoni tal-beni. Għaldaqstant umilment jiġi sottomess illi t-Tribunal għal Talbiet Żgħar wasal għal deċiżjoni żbaljata stante illi qagħad fuq allegazzjoni mhux pruvata.

b) Mingħajr preġudizzju għas-suespost illi se mai din l-Onorabbli Qorti ssib illi hemm provi suffiċjenti illi r-reġim matrimonjali bejn l-appellati Briffa kien dak tas-separazzjoni tal-beni, allura ma jfissirx illi awtomatikament l-appellata Stefania Briffa tiġi liberta mill-ħlas tal-ammont reklamat mis-soċjetà appellanti ...Omissis...

ċ) L-akbar prova illi nġiebet f' dan ir-rigward huwa l-fatt illi l-istess Stefania Briffa kienet tiffirma ċ-ċekkijiet li bihom tithallas il-merċa kkonsenjata għall-ħanut 'Desert Rose'. Stefania Briffa allegat illi l-firem fuq iċ-ċekkijiet eżebiti a fol. 41 ma kinux tagħha, iżda kienu firem foloz fabbrikati minn żewġha. Iżda mill-eżami studjat illi għamlet l-espert kalligrafu Juliana Scerri Ferrante (nominata b'digriet tat-Tribunal tas-27 ta' Ottubru 2005), hija waslet għall-konklużjoni fejn b'ċertezza setgħet tgħid illi ż-żewġ firem fuq iċ-ċekkijiet in kwistjoni kienu effettivament ta' l-istess Stefania Briffa ...Omissis...

d) F'dan l-istadju jinġieb a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli

and condemned him to pay the plaintiff company the sum of one thousand and sixty one Maltese Liri and ninety five cents Lm1,061.95 (€2,473.68) with legal interests from the 2nd June 2003, till the date of effective payment. Regarding the costs, these are to be borne equally between the defendants.

5. That the appellant company felt aggrieved from the said judgement and is thus filing this humble Appeal.

6. That this grievance is clear and manifest and consists in the fact that the demand of the plaintiff company was upheld only against the defendant Jason Briffa.

7. That the appellant company humbly insists that the amount claimed by it is due by the defendants 'in solidum'. This insistence is based on the following:

a) Despite of that alleged by the defendant Stefania Briffa that the patrimonial regime between her and that of her husband was that of separation of estates, she failed to produce any documental proof ...Omissis...

It is a well known principle , that who alleges has to prove. Thus it was the duty of the same Stefania Briffa, to prove that alleged by her in her reply and that is that the matrimonial regime between the parties, during the period when the debt towards the appellant company, was contracted was that of separation of estates. Thus it is humbly submitted that the Small Claims Tribunal arrived at a wrong decision since it relied on an allegation which was not proved.

b) Without prejudice to the above if ever this Honourable Court finds that there is sufficient proof that the matrimonial regime between the respondents Briffa was that of separation of estates, then it does not automatically means that the respondent Stefania Briffa, be freed from the amount demanded by the appellant company ...Omissis...

c) The greatest proof that was brought in this regard is the fact that the same Stefania Briffa signed the cheques by which she paid the merchandise delivered to the shop 'Desert Rose', Stefania Briffa alleged that the signatures on the cheques exhibited a. fol. 41 were not hers, but were false signatures by her husband. But from the detailed examination made by the handwriting expert Juliana Scerri Ferrante (appointed by decree of the Tribunal of the 27th October 2005), she arrived to the conclusion whereby she could certainly state that the two signatures on the cheques in question were two signatures were effectively those of the same Stefania Briffa ...Omissis....

d) At this stage it is brought to the knowledge of this

Qorti illi dawn iċ-ċekkijiet inħarġu minn cheque book intestat 'Stefania Briffa a/c Desert Rose' u għaldaqstant huwa manifest l-involviment tagħha fil-ġestjoni ta' dan il-ħanut ...Omissis...

e) Anke jekk seta' kien hemm dokumenti oħra possibbilment iffalsifikati mill-appellat Jason Briffa, dawn bl-ebda mod ma jnaqqsu l-involviment illi Stefania Briffa kellha fil-ġestjoni tal-ħanut' Desert Rose'.

f) Inoltre, umilment jiġi sottomess, illi fil-mument illi Stefania Briffa vversat pagament lis-soċjetà appellanti għal parti mill-ammont reklamat f'din il- kawża, minbarra li kienet qed tirrikonoxxi l-involviment tagħha fil-ġestjoni tal-ħanut 'Desert Rose' ...Omissis...

g) Għaldaqstant nonostante d-deċiżjoni li tasal għaliha din l-Onorabbli Qorti rigward ir-reġim patrimonjali bejn l-appellati Briffa, is-soċjetà appellanti tissottometti illi hemm indiċi suffiċjenti li jindikaw kif Stefania Briffa kienet ko-parteċipi ma' żewġha fil-ġestjoni tal-ħanut ' Desert Rose' fil-perjodu illi fih ġie kkontrattat id-dejn mertu ta' dina l-kawża ...Omissis...

h) Rigward ir-raba' eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta Stefania Briffa, jingħad illi hija naqset milli tressaq kwalunkue prova sabiex tissostanzja l-allegazzjoni tagħha, liema allegazzjoni hija effettivament infondata fil-fatt u fid-dritt.

Għaldaqstant in vista ta' dak kollu fuq premess, filwaqt illi tirriżerva illi tagħmel sottomissjonijiet ulterjuri, is-soċjetà appellanti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tvarja s-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar billi tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal laqa' t-talba attriċi flimkien ma' l-imgħaxijiet iżda tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn ġie tenut responsabbli għal dan il-ħlas il-konvenut Jason Briffa biss, u tiddikjara liż-żewġ konvenuti responsabbli 'in solidum' għall-ammont reklamat mis-soċjetà attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

Rikorrenti: 25, Triq il-Merill, Mellieħa.

Notifika: Jason Briffa, 'Villa Valferjas', Patri Delia Street, Birkirkara.

Reġistru tal-Qorti Superjuri (Appelli Inferjuri), illum 10 ta' Mejju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Honourable Court that these cheques were issued from a cheque book with the following heading 'Stefania Briffa a/c Desert Rose' and thus it is clear of her involvement in the administration of this shop ...Omissis...

e) Even if there were other documents which were possibly falsified by the respondent Jason Briffa, these in no way reduce the involvement, that Stefania Briffa, had in the administration of the shop 'Desert Rose'.

f) Furthermore, it is humbly submitted that at the moment that Stefania Briffa made a payment to the appellant company for the amount claimed in this cause, apart from acknowledging her involvement in the 'administration of the shop 'Desert Rose' ...Omissis...

g) Thus notwithstanding the decision that this Honourable Court shall reach regarding the patrimonial regime, between the respondents Briffa, the appellant company submits that there is sufficient proof which indicates that Stefania Briffa participated with her husband in the administration of the 'Desert Rose' at the time that the debt merit of this cause was contracted ...Omissis...

h) Regarding the fourth plea raised by the defendant Stefania Briffa, it is stated that she failed to bring forward any proof to substantiate her allegation, which allegation is effectively unfounded in fact and at law.

Thus in view of all that above premised, whilst reserving to make further submissions, the appellant company prays with respect that this Honourable Court, varies the decision given by the Small Claims Tribunal by confirming that part of the judgement whereby the Tribunal upheld the plaintiff's demands together with interest, but revoked that part of the judgement whereby the defendant Jason Briffa, was held responsible for this payment and declares the two defendants responsible 'in solidum' for the amount demanded by the plaintiff company, with costs of both instances against the respondents.

Applicant: 25, Merill Street, Mellieha.

Notify: Jason Briffa, Villa Valferjas, Patri Delia Street, Birkirkara.

Registry of the Superior Courts (Inferior Appeals), today 10th May 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

721

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' April 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 107/07 GV, fl-ismijiet Direttur, Qrati u Tribunali Ċivili vs Paul Zammit ID 392956M, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Paul Zammit, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali, ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fil-31 ta' Jannar 2007, kontra Paul Zammit, ir-rikorrenti espona bir-rispett:

Illi s-soċjetà Saguna Company Limited, kienet talbet u otteniet il-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid in kawtela ta' titolu eżekuttiv vantat minnha skond Kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu in Atti Nutar Dottor Edward Flores, tad-29 ta' Lulju 2004, u liema Kuntratt ġie reż eżegwibbli permezz ta' ittra uffiċjali tat-23 ta' Awissu 2005, debitament notifikata (Dok. A);

Illi s-soċjetà Saguna Company Limited, talbet illi l-Mandat Numru 828/06 JVA, jiġi eżegwit fuq id-dgħajsa bl-isem 'Mermaid' li tinsab Buġibba Jetty;

Illi t-talba tas-soċjetà Saguna Company Limited, ġiet akkordata minn dina l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Mejju 2006 u l-Mandat ġie eżegwit fil-31 ta' Mejju 2006, mill-Marixxall Joseph Azzopardi (Dok. B);

Illi madana kollu jirriżulta li għalkemm id-dgħajsa 'Mermaid' tinsab preżentement maqbuda permezz tal-Mandat 828/06 JVA, xorta waħda d-debitur qiegħed jagħmel użu minnha u dan b'disprezz lejn l-Awtorità ta' dina l-Onorabbli Qorti;

Illi tali allegazzjoni tas-soċjetà Saguna Company Limited, hija kkorroborata permezz ta' ritratti meħuda fid-9 ta' Ġunju 2006 minn George Grech, direttur tas-soċjetà esponenti, f'liema ritratti jidher l-istess debitur flimkien ma' persuni oħra fuq l-imsemmija dgħajsa ...Omissis...

Illi permezz ta' rikors ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2006, l-imsemmija soċjetà Saguna Company Limited, ġabet għal konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti dana kollu u talbet li din l-Onorabbli Qorti tordna li jinbdew kontra l-intimat Paul Zammit proċeduri għal disprezz lejn l-awtorità tagħha ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 (Dokument D);

Illi b' digriet tat-22 ta' Ġunju 2006, din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi (Dokument E);

Illi għalhekk qegħda ssir din il-kawża;

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 30th April 2007, in the records of the Writ of Summons Number 107/07 GV, in the names Director, Courts and Civil Tribunals vs Paul Zammit ID 392956M, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Paul Zammit, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application of the Director Civil Courts and Tribunals, filed in the First Hall Civil court on the 31st January 2007, against Paul Zammit, the applicant pleaded with respect:

That the company Saguna Company Limited, demanded and obtained the issuing of Warrant of Seizure, in security of an executive title vaunted by it according to a Contract of Constitution of Debt in the records of Notary Dr. Edward Flores, of the 29th July 2004, and which contract was rendered executable by means of judicial Letter of the 23rd August 2006, duly notified (Doc.A);

That the company Saguna Company Limited, prayed that the Warrant Number 828/06 JVA, be executed on the boat with the name 'Mermaid' which is situated at Buġibba Jetty;

That the demand of the company Saguna Company Limited, was upheld by this Honourable Court on the 30th May 2006 and the Warrant was executed on the 31st May 2006, by Marshall Joseph Azzopardi (Doc. B).

Despite all this it results that although the boat 'Mermaid' is presently seized by means of Warrant 828/06 JVA, the debtor still made use of it and this in contempt of the Authority of this Honourable Court;

That the said allegation of the company Saguna Company Limited, is corroborated by means of photos taken on the 9th June 2006, by George Grech, director of the applicant company, in which photos the same debtor appears together with other persons on the said boat ...Omissis...

That by means of an application filed on the 22nd June 2006, the said company Saguna Company Limited, brought all this to the notice of this Court and prayed that this Honourable Court order, that there be commenced procedures of contempt towards its authority in terms of Title XVII of the Third Book of Chapter 12 (Document D); against the respondent Paul Zammit;

That by a decree of the 22nd June 2006, this Honourable Court upheld the demand of the plaintiff (Document E);

That thus this cause had to be made;

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-attur qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Issib lil intimat Paul Zammit ħati ta' disprezz għall-awtorità tagħha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat Paul Zammit għall-pieni preskritti mil-liġi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista' jiġi mġiegħel biex iwieġeb għall-akkuża bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Lista tax-xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Notifika: Paul Zammit, 181, Mayray, Triq San Xmun, San Pawl il-Baħar.

Ir-Rikors Numru 107/07 GV, ismijiet id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali vs Zammit Paul, jinsab differit għall-1 ta' Ġunju 2007, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Mejju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Thus for the reasons premised the plaintiff is asking this Honourable Court so that:

1. It finds the respondent Paul Zammit, guilty of contempt towards its authority in terms of Title XVII of the Third Book of Chapter 12; and

2. Consequently condemn the same respondent Paul Zammit for the penalties prescribed in the same Title XVII above mentioned.

With costs, against the respondent from now summoned and he is warned that if he fails to appears he can be forced to reply to the charge by means of a warrant of escort or arrest.

List of Witnesses.

List of Documents.

Notify: Paul Zammit, 181, Mayray, St. Simon Street, St. Paul's Bay.

The Application Number 107/07 GV, in the names Director Civil Courts and Tribunals vs Zammit Paul, has been put off to the 1st June 2007, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 10th May 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

722

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili, b'digriet tat-8 ta' Mejju, 2007, ordnat il-korrezzjoni tal-Att ta' Mewt ta' Joseph sive Giuseppe Buttigieg li jġib in-numru 7 tas-sena 1938 fis-sens illi:

a) fit-tieni kolonna intestata 'Jekk hux miżżewġ/a' għandha tinqara – Husband of Carmela neé Mizzi;

b) fit-tielet kolonna intestata 'Okkupazzjoni u Eta' għandha tinqara – 56;

ċ) fir-raba' kolonna intestata 'Post tat-twelid' għandha tinqara – Qala, Għawdex;

d) fil-ħames kolonna intestata 'Isem u kunjom tal-Ġenituri', l'omm għandha tinqara – Maria Buttigieg neé Mejlak;

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 8th day of MAY 2007, ordered the correction of the Act of Death of Joseph sive Giuseppe Buttigieg bearing number 7 of the year 1938 in the sense:

a) that in the second column entitled 'Whether married or unmarried', should read as follows – Husband of Carmela neé Mizzi;

b) that in the third column entitled 'Occupation and Age', should read as follows – 56;

c) that in the fourth column entitled 'Place of Birth', should read as follows – Qala, Għawdex;

d) that in the fifth column entitled 'Name and Surname of Parents', should read as follows – Maria Buttigieg neé Mejlak;

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili

Illum, 8 ta' Mejju, 2007.

PAUL X. SAMMUT, B.PSYCH, PGDPS, HON. DIP. LITT.
Deputat Reġistratur u Kummissarju għal Għotja tal-Ġuramenti

Għar-Reġistratur,
Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts

This, 8th day of May, 2007.

PAUL X. SAMMUT, B.PSYCH, PGDPS, HON. DIP. LITT.
Deputy Registr and Oath Commissioner

F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

723

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Marzu 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 1062/06 RCP, fl- ismijiet Emanuel Zahra vs Josianne Azzopardi, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Zahra Emanuel detentur tal-karta ta' l-identità numru 788451(M) vs Azzopardi Josianne detentriċi tal-karta ta' l-identità numru 340784(M), fl-24 ta' Novembru 2006, ir-rikorrenti Emanuel Zahra espona bir-rispett:

1. Illi skond konvenju datat wieħed u tletin ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa (31/02/2005) kopja legali ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A, l-intimata obbligat ruħha li tbiegħ, tassenja u tittrasferixxi versu u favur tar-rikorrenti li obbliga ruħu li jaċċetta, jixtri u jakkwista l-appartament formanti parti minn blokk bl-isem Paris numru uffiċjali mija u disgħa (109) fi Triq Barth, il-Ħamrun, bit-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu.

2. Illi r-rikorrenti ħallas lill-intimata akkont tal-prezz is-somma ta' erbat elef lira Lm4,000 (€9,317.49) qabel l-istess konvenju ...Omissis...

3. Illi t-total imħallas mir-rikorrenti akkont tal-prezz laħħaq l-ammont ta' ħamest elef seba' mija u wieħed u sebgħin Lira Maltija Lm5,771 (€13,442.81).

4. Il-partijiet iddeċidew illi jxolju l-konvenju u għaldaqstant l-intimata kellha tirrifondi lill-konvenut is-somma ta' ħamest elef seba' mija wieħed u sebgħin Lira Maltija Lm5,771 (€13,442.81), li kienet ġiet minnu mħallsa.

5. Illi permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone datat sbatax ta' Ġunju elfejn u ħamsa (17/06/2005) kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dokument B, l-intimata kkostitwiet ruħha debitriċi vera, ċerta u likwida favur ir-

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 21st March 2007, in the records of the Writ of Summons Number 1062/06 RCP, in the names Emanuel Zahra vs Josianne Azzopardi, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Zahra Emnanuel holder of identity card number 788451(M) vs Azzopardi Josianne holder of identity card number 340784(M) on the 24th November 2006, the applicant Emanuel Zahra, pleaded with respect:

1. That according to a preliminary agreement dated 31st January of the year two thousand and five (31/02/2005) a legal copy of which is hereby annexed and marked Document A, the respondent bound herself, to sell, assign and transfer towards and in favour of the applicant who bound himself to buy and acquire the apartment forming part of a block with the name Paris, official number one hundred and nine (109) in Barth Street, Ħamrun with all its rights and appurtenances.

2. That the applicant paid the respondent on account of the price the sum of four thousand Liri Lm4,000 (€9,317.49) before the same preliminary agreement ...Omissis...

3. That the total paid by the applicant on account of the price amounted to five thousand seven hundred and seventy one Maltese Liri Lm5,771 (€13,442.81).

4. The parties decided to dissolve the preliminary agreement and thus the respondent had to refund to the defendant the sum of five thousand seven hundred and seventy one Maltese Liri Lm5,771 (€13,442.81) which had been paid by him.

5. That by means of a contract of constitution of debt in the Records of Notary Dr. Joseph Tabone dated seventeenth June two thousand and five (17/06/2005) a copy of which is hereby annexed and marked Document B, the respondent constituted, herself a true certain and liquid debtor in favour

rikorrenti li aċċetta fis-somma ta' ħamest elef seba' mija wieħed u sebgħin Lira Maltija Lm5,771 (€13,442.81).

6. Illi l-partijiet fuq l-istess kuntratt qablu illi fuq din is-somma jiddekorri mgħax ta' tnejn fil-mija (2%) ...Omissis...

7. Illi l-partijiet ftehmu illi l-intimata tħallas lura s-somma ta' ħamest elef seba' mija wieħed u sebgħin lira Maltija Lm5,771 (€13,442.81) flimkien ma' l-imgħaxijiet relattivi bir-rata ta' erbgħin Lira Maltija Lm40 (€93.17) fix-xahar konsekuttivament ...Omissis...

8. Illi l-partijiet qablu illi jekk l-intimata tkun moruża fl-ammont ekwivalenti għal żewġ pagamenti rateali, l-ammont kollu jiġi dovut ...Omissis...

9. Illi l-intimata effettivament wettqet seba' pagamenti ta' erbgħin Lira Maltija u għaldaqstant irrifondiet is-somma ta' mitejn u tmenin Lira Maltija Lm280.00 (€652.22) ...Omissis...

10. Illi stante l-pagamenti li saru, l-intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fl-ammont ta' ħamest elef erba' mija wieħed u disgħin Lira Maltija Lm5,491 (€12,790.59) flimkien ma' l-imgħaxijiet relattivi mill-ewwel ta' Lulju elfejn u ħamsa.

11. Illi minkejja l-intimata ġiet interpellata sabiex tħallas diversi drabi hija baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

12. Illi l-ammont ta' ħamest elef erba' mija wieħed u disgħin lira Maltija Lm5,491 (€12,790.59) huwa dejn ċert, likwidu u dovut mill-intimata lir-rikorrenti u fil-fehma tar-rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167 et seq tal-Kap. 12 ...Omissis...

Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddispensa s-smigħ tal-kawża a tenur ta' l-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12.

2. Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' ħamest elef erba' mija wieħed u disgħin Lira Maltin Lm5,491 (€12,790.59) oltre l-imgħax bit-tnejn fil-mija mill-ewwel ta' Lulju elfejn u ħamsa sad-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors u bit-tmienja fil-mija mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

of the applicant in the sum of five thousand seven hundred and seventy one Maltese Liri Lm5,771 (€13,442.81).

6. That the parties on the same contract agreed that on this an interest of two per cent (2%) is to run ...Omissis...

7. That the parties agreed that the respondent pay back the sum of five thousand seven hundred and seventy one Maltese Liri Lm5,771 (€13,442.91) together with the relative interests at the rate of forty Maltese Liri Lm40 (€93.17) per month consecutively ...Omissis...

8. That the parties agreed that if the respondent is in delay in the amount equivalent to two consecutive payments, all the amount shall be due ...Omissis...

9. That the respondent effectively made seven payments of forty Maltese Liri and thus refunded the sum of two hundred eighty Maltese Liri Lm280 (€652.22) ...Omissis...

10. That owing to the payments made, the respondent is the debtor of the applicant in the amount of five thousand four hundred and ninety one Maltese Liri Lm5,491 (€12,790.59) together with relative interest from the 1st July two thousand and five.

11. That although the respondent was called to pay various times she remained in default and thus this cause had to be made.

12. That the amount of five thousand four hundred and ninety Maltese Liri Lm5,491 (€12,790.59) is debt which is certain, liquidated and due by the respondent to the applicant and in the opinion of the applicant there recur the elements prescribed by Article 167 et seq of Chapter 12 ...Omissis...

Thus the applicant humbly prays this Honourable Court so that:

1. It dispenses with the hearing of the cause in terms of Article 167 et seq of Chapter 12.

2. It condemn the respondent to pay the applicant the sum of five thousand four hundred and ninety one Maltese Liri Lm5,491 (€12,790.59) besides interest at two per cent from the first July two thousand and five till the date of filing of this application and at eight per cent from the date of filing of this application till the date of effective payment.

With costs, against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Rikorrenti: 88, Triq il-Gandoffla, Birżebbuġa.

Intimata: Fontana, Flat 5, Triq San Ġorġ, Ħal Safi.

Ir-Rikors Numru 1062/2006 RCP fl-ismijiet Zahra Emanuel vs Azzopardi Josianne jinsab differit għall-20 ta' Ġunju 2007, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Mejju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: 88, Gandoffla Stret, Birżebbugia.

Respondent: Fontana, Flat 5, San Ġorġ Street, Ħal Safi.

The Application Number 1062/2006 RCP in the names Zahra Emanuel vs Azzopardi Josianne, has been put off to the 20th June 2007, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 11th May 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

724

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi permezz ta' Nota ppreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili minn Nutar Dottor Antoine Agius fl-10 ta' Mejju 2007, ġab is-segwenti dokument biex jiġi pubblikat skond ir-rieda u l-fehma tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Permezz ta' kuntratt fl-atti ta' l-istess Nutar Dr. Antoine Agius, tal-ħamsa (5) ta' Mejju 2007, George Muscat, fil-kummerċ, bin il-mejjet Antonio u Giorgia neé Debattista u martu Josephine Muscat, bint il-mejtin Giovanni Baldacchino u Giovanna neé Cassar, imweldin u joqogħdu Ħal Qormi, (karti ta' l-identità numri 429749M u 582758M emanċipaw lil binthom Annabelle Muscat, xebba, imwielda u toqgħod Ħal Qormi (karta ta' l-identità numru 58290(M) ai termini tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Mejju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of a Note filed in the First Hall Civil Court by Notary Dr. Antoine Agius on the 10th May 2007, produced the following document to be published according to the provisions of the Commercial Code.

By means of a contract of the same Notary Dr. Antoine Agius, of the fifth (5) May 2007, George Muscat , in business, son of the late Antonio and Giorgia neé Debattista and his wife Josephine Muscat, daughter of the late Giovanna neé Cassar born and residing at Qormi (identity cards numbers 429749M and 582758M) emancipated their daughter Annabelle Muscat, unmarried, born and residing at Qormi (identity card number 58290M) in terms of the Commercial Code.

Registry of the Superior Courts , today 11th May 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

725

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Mejju 2007, in segwitu għar-Rikors ta' Carmel Galea, Rikors numru 204/2007, Josephine Galea, xebba, bint il-mejtin Salvu Galea u Ġużeppa neé Borg, imwielda Santa Venera u rikoverata fl-Isptar Monte Carmeli Ħ'Attard u li għandha passaport Ingliż, bin-numru 540169394 ġiet inabilitata.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta'Ġurisdizzjoni Volontarja), illum 11 ta' Mejju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 7th May 2007, following an Application of Carmel Galea, Application Number 204/2007, Josephine Galea, spinster, daughter of the late Salvu Galea and Ġużeppa neé Borg, born in Santa Venera and undercare at Mount Carmel Hospital Attard and who has English passport number 540169394 was incapacitated.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section), today 11th May 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

726

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) in segwitu għar-Rikors ta' Mary Bonnici u oħrajn, rikors numru 228/2007, u kif ġie preċiżat bin-nota tal-24 ta' April 2007, fejn talbu li tiġi ddikjarta miftuħa favur l-istess Mary Bonnici, mart Michael, Paul, Carmela Maria Vella mart Joseph, Theresa Cassar mart John, Anthony u Alfred ilkoll aħwa Barbara, ulied il-mejtin Emanuel u Carmela neé Borg, u dan fi kwoti ta' sesta parti (1/6) indiviża kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' ħuhom Joseph Barbara, ġuvni, iben Emanuel u Carmela neé Borg, imwieled Birkirkara, kien joqgħod fl-Istat ta' Michigan, fl-Istati Uniti fejn miet fit-22 ta' Frar 2006, ta' 63 sena u li miet mingħajr testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf min kellu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12.)

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni tal-Qorti Ċivili), illum 11 ta' Mejju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) following an Application of Mary Bonnici and others, application number 228/2007, and as precised by a note of the 24th April 2007, whereby they asked that it be declared open in favour of the same Mary Bonnici, wife of Michael, Paul, Carmela Maria Vella wife of Joseph, Theresa Cassar wife of John, Anthony and Alfred all brothers Barbara, children of the late Emanuel and Carmela neé Borg, and this in the quota of one-sixth (1/6) undivided share each, the SUCCESSION of their brother Joseph Barbara, bachelor, son of Emanuel and Carmela neé Borg, born in Birkirkara and who resided in the State of Michigan, United States of America, where he died on the 22nd February 2006, aged 63 and who died intestate and thus the issuing of this bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section), today 11th May 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

727

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla fit-28 ta' Marzu 2007 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 14 ta' Ġunju, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b' digriet tat-18 ta' Awissu 2006 li għandu jsir fil-kuriduri ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-garaxx mingħajr numru uffiċjali u mingħajr isem fi Triq San Tumas, il-Fgura, sottostanti propjetà ta' terzi u għalhekk mingħajr l-arja tiegħu, mibni fuq il-plot numru disgħa (9) ta' l-art magħrufa bħala 'Ta' Zilfa' tal-kejl superfiċjali ta' mija u disgħa u tmenin (189) metru kwadru, libera u franka, stmat li jiswa Lm75,000.00 (€174,703.00).

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Gerit Company Ltd.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A.I.C. Valerio Schembri fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-13 ta' Settembru 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri illum, 10 ta' Mejju, 2007.

CLAIRE SEVASTA, B.A. (HONS)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 28th March, 2007 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c., Thursday, 14th June, 2007 from 9.00 a.m. to noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 18th August 2006 to be held in the Corridor of these Courts of the following property.

The garage without official number and unnamed in St. Thomas Street, Fgura, underlying third party property and thus without its airspace, built on plot number nine (9) of the land known as 'Ta' Zilfa', having a superficial surface area of one hunded and eighty nine (189) square metres, free and unencumbered, valued at Lm75,000.00 (€174,703.00).

The said tenement is the property of Gerit Company Ltd.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Valerio Schembri, A&CE, on the 13th September 2006.

Registry of the Superior Courts, this 10th day of May 2007.

CLAIRE SEVASTA, B.A. (HONS)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

728

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-18 ta' April, 2007 fuq rikors ta' ALF MIZZI & SONS LTD. ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 13 ta' Ġunju, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-5 ta' Marzu, 2007 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand SPITERI MARIA.

1. Television, Video recorder, Washing machine, microwave u ħafna affarijiet oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 11 ta' Mejju, 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 18th April, 2007 on the application of ALF MIZZI & SONS LTD., Wednesday, 13th June, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 5th March, 2007 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of SPITERI MARIA.

1. Television set, Video recorder, Washing machine, microwave and lots of other similar items.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 11th May, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

729

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-3 ta' Mejju, 2007 fuq rikors ta' STELLATO ANDREA ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 21 ta' Mejju, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-3 ta' Mejju, 2007 li għandu jsir f'90/93, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi, ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand CAMILLERI FRANCIS.

1. Overhead Router, De Walt Sander ta' l-elettriku, Bandsaw, u ħafna affarijiet oħra simili u karozza Honda Reg No. FAL-683 u vettura Isuzu pick-up Reġ Nru. DBA-149.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 7 ta' Mejju, 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 3rd May, 2007 on the application of STELLATO ANDREA, Monday, 21st May, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 3rd May, 2007 to be held at 90/93, Triq ix-Xitwa, Qormi, of the following items seized from the property of CAMILLERI FRANCIS.

1. Overhead Router, De Walt Electric Sander, Bandsaw and lots of other similar items, Motor vehicle Honda Reg. No. FAL-683 and vehicle Isuzu pick-up Reg No. DBA-149.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 7th May, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

730

Digriet mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' April 2007 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 29 ta' Mejju 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-24 ta' Mejju 2006 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

(a) L-utile dominju perpetwu tal-blokk ta' bini li jinsab il-Floriana, konsistenti fi tliet fondi sottostanti propjetà appartenenti għal terzi, l-ewwel fond fi Pjazza Sant'Anna, numru disgħa u għoxrin (29) ġa numru tnejn u ħamsin (52), kantuniera ma' Triq San Tumas, liema fond għandu bieb ieħor fi Triq San Tumas, numru tnejn u erbgħin (42) ġa numru sitta u erbgħin A (46A) u żewġ bibien oħra fi Triq SanTumas numri tlieta u erbgħin (43) u erbgħa u erbgħin (44)

By decree given by the Civil Court First Hall on the 17th April 2007 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c., Tuesday, 29th May 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 24th May 2006 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

(a) Perpetual utile dominium of a block of buildings in Floriana, consisting of the block of buildings in Floriana, consisting of three tenements underlying property belonging to third parties, the first one in Saint Anne's Square, number twenty nine (29), formerly number fifty two (52), corner with Saint Thomas Street, with another door in Saint Thomas Street, bearing number forty two (42), formerly number forty six letter A (46A), and the other two in Saint Thomas Street,

rispettivament ġa numri sebgħa u erbgħin (47) u tmienja u erbgħin (48) rispettivament, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom kif soġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu kif imsemmi fil-kuntratt datat 28 ta' Ġunju 1989 fl-atti tan-Nutar Dr Victor John Bisazza u stmat li jiswa Lm130,000.00 (€302,818.54).

